Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija
(Spt. Paul Vassallo)

Vs

Mario Spiteri
Pierre Carabott
Albert Refalo.

Seduta tal-lum 9 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mario Spiteri, bin Joseph mwieled B'Kara, karta tal-identita' numru 590857 (G); Pierre Carabott, bin Charles, mwieled B''Kara, karta tal-identita' numru 516258 (G) u Albert Refalo, bin Lawrence, mwieled il-Marsa, karta tal-identita' numru 563461 (M) kif riportati a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

**Nakkuzahom talli fil-31 ta' Awissu 1996, ghal-habta ta' xi 10.30 am fil-car park, fi Triq Gorg Borg Olivier, Victoria, kisru l-bon ordni u l-paci pubblika, b'ghajjat u glied;**

**U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli billi ghamlu hsara fuq il-karozza nru. E-3847, ghad-dannu ta' Angelo Portelli, mil-Qala, liema hsara tammonta ghall-aktar minn hamsin lira Maltin u billi ghamlu hsara f'nuccali tal-vista ghad-dannu ta' Saviour Portelli, mil-Qala, liema**

**hsara tammonta ghal-aktar minn hamsin lira Maltin;**

**U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw ferita gravi fuq il-persuna ta' Saviour Portelli, mil-Qala, liema ferita tammonta ghal-sfregju fil-wicc;**

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-3 ta' Lulju 1998 skond l-artikolu 370(3) tal-kap 9 fejn baghat lill-imputati biex ikun gudikati minn din il-Qorti taht dak li hemm mahsub fl-artikokli 338(dd), 325, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi l-imputati iddikjaraw illi ma ghandhomx oggezzjoni li l-kawza taghhom tkun trattta u deciza bl-istess procedura;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza kienu is-segwenti

**Provi Prosekuzzjoni**:

**L-Ispettur Paul Vassallo** xehed illi fil-31 ta' Awissu, 1996 ghall-habta tan-nofs siegha kien infurmat minn PS 261 illi kien ghadu kemm investiga incident fejn kien hemm glieda fil-car park ta' Victoria, Ghawdex fejn ragel sofra sfregju. L-persuna kollha involuti irrilaxxjaw stqarrija. Lill-ispettur prosekutur irrizultalu li dak il-hin l-imputat
Refalo kien qed isuq Mini-Bus u kien ser jipparkja fil-car-park ta' Victoria, izda meta beda jaghmel hekk ma setghax ghaliex persuna ohra kienet dahlet f'dan il-post li sabu huma. Wara li kellmuh, dan telaq bil-prudenza izda appena reghu rikbu fil-vann giet persuna ohra u pparkjat il-vettura taghha hemmhekk. Il-vettura kienet ta' Angelo Portelli u misjuqa minn Saviour Portelli. L-imputati infurmawh illi malli marru jkellmu lill-Portelli, dan hareg kanna sewda ghalihom u heddidhom biha. Huma ppruvaw jiehdu din il-kanna u tawhx spjegazzjoni dwar il-hsarat fil-vettura u l-feriti fuq il-k werelant;

**Saviour Portelli**, il-kwerelant, xehed illi fil-hin li kien fil-parkegg b'vettura li kien siliflu missieru tieghu ra spazju u mar jipprova jipparkja. Meta kien kwazi dahal xi hadd qabez quddiemu u pogga idu fuq il-karozza u beda jghajjat li hemmhekk kien ser jipparkja haddiehor. Dan ghajjat lil shabu u xi hadd minn wara dahhal idu fil-karozza u qala c-cavetta, Dan ix-xhud qal li prova jiehu c-cavetta lura u stiednuh johrog mill-karozza halli joqtlugh u li dawn ippruvaw ukoll jidhlu fil-karozza. Xi hadd prova jzommhom izda hareg wiehed minn bejnithom u tah go wiccu u certu Michael li kien

mieghu qallu li kien tal-qmis il-hadra, L-Qorti innotat li x-xhud qed jirreferi ghal-imputat Albert Refalo. L-kwerelant sussegwentement hareg mil-karozza u xi hadd hadu l-isptar fejn sarulu xi hames jew seba punti fuq xoftu ta' fuq. Il-vettura li kien isuq sofriet ukoll xi hsarat fuq il-bieba tad-driver, fuq quddiem u fil-fatt il-bieba ma tinfetahx minn barra. Il-bieba ta' wara tal-lemin ukoll garbet xi hsarat konsistenti f'daqqa.

**PS 261 Raymond Caruana** xehed illi fil-guranta tal-incident wara li l-pulizija accediet fuq il-post ma sabet xejn izda sussegwentement kienet infurmata illi xi hadd ittiehed l-isptar. Ftit wara, l-imputati gew l-ghassa u rrapurtaw illi xi hadd kien heddidhom jew ghamel ghalihom b'harpoon. Meta acceda l-isptar, Saviour Portelli irrakkontalu x'kien gara izda li ma ra l-ebda harpoon u li din kienet il-"monopod" tal-kamera tar-ritratti u dan ammetta mas-surgent illi huwa ddefenda ruhhu b'dan il-"monopod". L-kwerelant infurmah illi mieghu kellu xewgt itfal ta' ohtu, Michael u Frankie Buttigieg. L-imputati Albert Refalo u Pierre Carabott pproducew certifikati medici peress illi kellhom xi grif.

**It-tabib Dr. Michael Refalo** ikkonferma illi hu kien ezamina lill-Saviour Portelli li kellu lacero contused wound fuq ix-xoffa ta' fuq u kellu jghamillu xi punti u ccertifika din il-ferita bhala wahda gravi. L-istess tabib kien nominat mill-Qorti biex jara jekk Savioiur Portelli kienx ghadu qed isofri xi sfregju minn din il-ferita u fis-sitta ta' Ottubru 1997 ipprezenta r-relazzjoni tieghu ikkonferma li sa sena wara, Saviour Portelli kellu t-ticrita fuq xofta ghadha tidher.

**Frankie Buttigieg** ikkonferma illi kien qed jakkompanja lill zijuh, Saviour Portelli u kienu dahlu biex isibu fejn jipparkjaw. Dan ix-xhud ikkorabora dak li qal Saviour Portellli u zied jghid li l-imputati bdew jaqilbu l-karozza ta' zijuh oltre li kissrulu n-nuccali. Iz-ziju mbaghad hareg mill-karozza u mar jghajjat lill-pulizija u l-imputati telqu.

**Angelo Portelli** ikkonferma illi l-vettura mertu tal-akkuza tappartjeni lilu u li l-imputati sewwewlu l-hsara izda kien ghad fadal xi hsarat zaghar li ma ssewwewx ghaliex l-imputat isostnu li ma kienux responsabbli ghalihom

Id-Difiza ma giebet l-ebda prova. Izda irid jinghad illi Saviour Portelli irrinunzja ghall-hsarat fil-vettura u li fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2000 l-parte civile ddikjarat illi l-ispejjez ta' tiswija tal-vettura kienu saldati mill-imputati.

Ikkunsidrat:

Illi waqt id-deposizzjoni ta' Saviour Portelli l-imputati iddikjaraw illi kienu ser jaghmlu tajjeb ghal-hsarat kagunati fil-vettura u l-istess Saviour Portelli iddikjara li qed jirrinunzja ghal-kwerela tieghu f'dan ir-rigward. Ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara l-procediment ezawrit fil-konfront tat-tieni akkuza rigwardanti hsarat fil-vettura de quo;

Illi dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba akkuza il-verzjoni ta' Saviour Portelli hija korroborata minn Frankie Buttigieg u ma hi bl-ebda mod kontradetta. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ma ghadhiex temmen lil-Saviour Portelli dwar il-mod kif sehh l-incident. Saviour Portelli ma qal xejn dwar in-nuccali li allegatament

kissrulu l-imputati u dan xehed biss dwaru Frankie Buttiegieg. Izda fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2000 l-imputati iddikaraw illi kienu offrew mitt lira lill-kwerelant bhala hlas ta' hsarat izda dan ma kienx accetta. L-Qorti ghalhekk ma ghandhiex dubji li din il-hsara kienet ukoll subita mill-kwerelant. Ghalhekk tghaddi biex tiddikjara lill-imputati hatja tal-akkuzi l-ohra.

Wara li rat l-artikoli 338 (dd), 216, 218 u 325 (b);

Wara li rat il-fedina penali tal-imputati l-Qorti tinnota illi din mhix l-ewwel darba illi l-imputat Carabott kkawza griehi gravi fuq persuna b'oggett iebes u senjatament fl-1984 fejn kien applikat l-artikolu 9 tal-kap 152 ghal-zmien sena. Precedentement kien ikkawza hsarat fuq vettura wara glieda.. L-imputat Albert Refalo imbaghad ghandu storja ta' sensiela ta' kontravvenzjonijiet li kkommetta waqt li kien xufier ta' xarabank. Wara li rat illi l-imputat Mario Spiteri izda ghandha fedina penali netta.

Ikkunsidrat illi din ic-cirkostanza li fih l-kwerelant sofra griehi u ghandu sfregju xi jfakkru kull darba li jhares lejn il-mera ma huma xejn koncepibbli u accettabbli fis-socejta' li nghixu fiha. Meta jitqies illi dan kollu sehh fuq semplici parking fejn l-imputati insistew illi kienu huma li sabu l-parking l-ewwel, wiehed jasal ghal-konkluzzjoni illi dan l-incident jimmerita piena severa biex b'hekk l-imputati ikollhom xi jfakkarhom illi fuq semplici parking space kkawzaw sfregju fuq persuna. Din il-Qorti izda ser tkun xi ftit aktar tolleranti mal-imputati billi tapplika dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi illi bihom ghandhom jintebhu li s-socjeta qed taghtihom kull possibilita' li ma jerghux jikkommettu l-istess zball. Jekk imbaghad da parti taghhom ma jimpurtahomx minn dan ikunu hawn mwissija li s-socjeta' ftit jifdlilha fiducja fir-riforma taghhom. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tillibierhom bil-kondizzjoni li ma jghamlux rejat iehor fi zmien sentejn mil-lum ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152.

L-Qorti fehemet l-import tal-art. 9 lill-imputati u l-konsegwenzi fil-kas ta' ksur tal-istess artikolu.

Magistrat